# STORJA QASIRA DWAR IL-PRESEPJU

*Ta'* A. TABONE

L-ISORJA sabiħa tat-Twelid ta' Ġesù nsibuha irrakkontata, għall-ewwel darba, fl-Evanġelju ta' San Luqa u ta' San Mattew. San Luqa, fit-tieni kap tiegħu, jibda mill-bandu li Ċesri Awgusto kien ħareġ biex in-nies tas-saltna tiegħu jmorru jinkitbu fil-belt tagħhom, u jispiċċa bir-Rgħajja ta' Betlehem li, wara li marru jagħtu qima lil Ġesù fil-għar, telqu lejn pajjiżhom ifaħħru u jbierku 'l Alla ta' kull ma kienu raw u semgħu. San Mattew, fit-tieni kap ukoll, iżid jitkellm fuq is-Slaten Maġi u jgħid li dawn il-Maġi, wara li sabu lil Ġesù fil-għar u offrewlu r-rigali, telqu lejn pajjiżhom fil-waqt li għaddew minn triq oħra.

Din l-istorja ta' dawn iż-żewġ evanġelisti, sa mill-bidunett, imliet qalb l-insara bil-ferħ u b'qima kbira lejn il-għar ta' Betlehem u, forsi, għalhekk San Ġirolmu u Pawla u ħafna rwieħ oħra twajba kienu rħewlha lejn dawk l-inħawi tal-Lvant u għaddew il-bqija ta' ħajjithom ħdejn il-maxtura tal-Bambin. It-tradizzjoni tgħid li l-fdal ta' l-injam ta' dik il-maxtura ttieħed Ruma bl-ordni tal-Papa Teodoru (642-649) u tqiegħed fil-bażilka ta' "Santa Maria Maggiore". Il-lum, dawn il-ħames biċċiet injam, għadhom hemm u jinsabu sewsew f'dik in-naħa li tissejjaħ "La Confessione" taħt l-altar il-kbir tal-bażilka. Nhar il-Milied dawn il-biċċiet jista' jarahom kulħadd u kienu meqjumin daqshekk li l-Papiet, fis-seklu VIII u IX, f'lejl il-Milied kienu jqaddsu quddiemhom.

Fil-katakombi wkoll, u l-iktar f'dawk ta' "Priscilla" ġewwa Ruma, li kellhom il-bidu tagħhom fis-seklu II, insibu pittura li turi t-twelid tal-Bambin, bħalma nsibuha wkoll fiż-żewġ knejjes antiki ta' "Santa Maria Antiqua" fil-Forum u ta' Santa Maria fit-Trastevere. Fl-Ingliterra wkoll u ġewwa Franza, f'lejl il-Milied kienu jsiru festi sbieħ ġewwa l-knejjes katedrali tagħhom, imma, sa fejn nafu aħna, id-devozzjoni u l-qima lejn it-twelid ta' Ġesù, qabel is-seklu VIII kienet għadha ma waslitx sal-mili tagħha kif inhi l-lum. San Franġisk minn Assisi ried ikun l-ewwel wieħed biex it-twelid ta' Ġesù narawh, biex ingħid, b'għajnejna b'mezz tal-presepju. San Bonaventura minn Bagnorea, li kellu ħames snin meta miet San Franġisk, igħid ċar li hu kien jisma' n-nies igħidu li San Franġisk kien l-ewwel wieħed li għamel il-presepju, u mhix ħaġa li ma tistax tkun, għax San

Frangisk fis-sena 1219 kien mar ġewwa Betlehem, għadda l-lejl tal-Milied hemm, ġewwa l-għar imqaddes, u, mbagħad, meta raġa' lura f'pajjiżu raha ħaġa f'lokha u xierqa li jarġa' jfakkar lin-nies ta' Greccio dak li kien ra b'għajnejh fl-għar imdaqqes.

Greccio hu raħal ċkejken ħdejn il-belt ta' Rieti fl-Italja, madwar 2,000 pied għoli minn wiċċ l-art, imdawwar b'ħafna wedien u rdumijiet mimlijin b'siġar għoljin u dejjem ħodor u b'ħafna għerien ta' kull daqs u għamla. F'wieħed minn dawn l-għerien, igħid San Bonaventura, San Franġisk minn Assisi, xi tliet snin qabel ma miet, ried jagħmel l-isbaħ tifkira tat-twelid ta' Kristu Feddej. X'għamel? Sab lil wieħed bidwi ħabib tiegħu li kien jismu Ġanni Vellita u talbu biex, għal żmien il-Milied, jisilfu dak il-għar li fih Ġanni kien jistkenn fix-xemx u fix-xita u jqiegħed hemm il-għodda tiegħu. Ġanni ma qallux le u, lejlet il-Milied, San Franġisk għamel altar f'dak il-għar u għamel maxtura ta' l-injam bi ftit tiben ġewwa fiha. Sejjaħ qassis biex iqaddes hemm f'nofs il-lejl u stieden lin-nies ta' Greccio biex jisimgħu l-quddiesa. Meta l-qassis spiċċa jaqra l-Evanġelju, San Franġisk li kien jagħmilha ta' Djaknu, beda jippriedka u beda jgħid dak li hu nnifsu kien ra fil-għar ta' Betlehem. Kif igħidu, meta San Franġisk wasal jitkellem fuq l-imħabba li Ġesù wera lill-bnedmin bit-twelid tiegħu, igħidu, narġa' ngħid, li San Franġisk intilef f'estasi tas-Sema u f'daqqa waħda dehret tarbija ċkejkna ħajja ġewwa dik il-kaxxa bit-tiben u kulħadd beda jgħajjat: "Miraklu, miraklu!"

Issa, hi ħaġa li tista' tkun li, wara dik il-ġrajja ta' Greccio, il-patrijiet Franġiskani bdew ta' kull sena jarmaw il-presepju fil-kunventi tagħhom, għaliex dak li jagħmel il-missier aktarx li jagħmluh ukoll uliedu. Li l-quddiesa ta' nofs il-lejl tal-Milied kienet qanqlet il-qlub u l-imħuħ ta' dak iż-żmien jidher ċar fil-fatt li sew il-pitturi, kemm il-poeti bdew ifakkru dik il-ġrajja bil-pinzell u l-pinna tagħhom. Għandna lil Giotto li, f'waħda mill-pitturi tiegħu fil-knisja fuqana ta' Assisi, ħallielna dehra sabiħa li moħħ il-bniedem jista' jaħseb dwar il-presepju. Għandna lil Jacopone minn Todi, l-awtur ta' li "Stabat Mater Dolorosa" li imqanqal mit-tifkira ħelwa ta' Greccio, kiteb li "Stabat Mater Speciosa" li turi l-ferħ u l-għaxqa tal-Madonna ħdejn il-benniena ta' binha Ġesù.

Jista' jkun ukoll li l-presepju kif narawh illum, intrama l-ewwel darba fil-knisja ta' "Santa Maria d'Araceli" ta' Ruma li l-Papa Innoċenz IV, madwar 25 sena wara l-mewt ta' San

Frangisk, kien taha lill-patrijiet Minuri u li għadha għandhom sal-lum. Ġewwa din il-knisja hemm Bambin ċkejken, magħmul minn zokk ta' siġra li kienet tikber fuq il-għolja taż-żebbuġ ta' Ġerusalemm, u li kif igħidu, ġie miżbugħ minn San Luqa meta hu kien Ruma. Dan il-Bambin hu mirakuluż ħafna u għalhekk ir-Rumani jsejħulu "Il Santissimo Bambino". Il-Ministru Ġeneral innifsu tal-Patrijiet Minuri, nhar il-Ħamiem, jagħmel il-purċissjoni b'dan il-Bambin imqaddes fil-knisja ta' Araceli, u kif jasal ħdejn il-bieb il-kbir ta' barra, minn fuq dik il-għolja li tinsab fil-qalba tal-belt u li minnha tidher nofs Ruma, ibierek, bl-isteess Bambin, lil dik il-belt eterna.

Fis-seklu XV imbagħad, id-drawwa tal-preesepju nxterdet u daħlet saħansitra fil-kastelli u palazzi tal-kbarat ta' l-Italja. Fil-bidu tas-seklu XVIII, ir-Re ta' Napli, Karlu III, flimkien ma' martu Amelia Wallurga, kienu jqattgħu b'idejhom stess xi ftit minn ħwejjiġhom tal-ħarir u tal-bellus biex bihom jagħmlu l-ilbiesi għat-tliet Slaten Maġi.

Fil-Mużew Nazzjonali ta' San Martin f'Napli, li darba kien kunvent tal-Patrijiet Kartusjani, mibni fis-sena 1325 minn Karlu ta' Kalabrja, insibu kollezzjoni jew ġabra kbira ta' xogħlijiet ta' arti Naplitana u fost dawn ix-xogħlijiet insibu ħafna mudelli ta' presepji ħelwin u tabilħaqq artistiċi u tnejn minnhom aktarx li huma ta' San Martin, li għax fis-sena 1720, li, għalkemm kien pittur mill-aħjar, kien għamel żmien fil-belt ta' Firenze, jaħdem il-presepji. Ġewwa dan l-istess Mużew insibu presepju ieħor żgħir tal-qroll, mudell ta' ħafna presepji kbar li kienu jidhru fid-djar ta' Napli fis-seklu XVII u XVIII.

Fil-Mużew Nazzjonali ta' Munich ukoll hemm numru kbir ta' presepji antiki, u huma daqshekk fil-għadd li hemm sala għalihom biss; jiddispjaċini, imma ngħid, li dawn il-presepji ma tantx huma mħarsin sew għax la huma mdawlin tajjeb u lanqas huma mqassmin kif imiss. Din il-ġabra ta' presepji kien għamilha t-Tabib Herr Max Schederer li, kull fejn kien imur, fil-Ġermanja u barra, kien jiġbor kull presepju li kien jiltaqa' miegħu basta imma kien ikun tas-seklu VII u tas-seklu VIII. Is-sabiħ ta' dawn il-presepji hu li dawn juruk il-bini, id-drawwiet, il-lbies, f'kelma waħda, il-ħajja tan-nies li kienu jgħixu f'dawk l-inħawi li fihom kienu jsiru l-presepji. Ħafna minnhom huma tat-tafal u fihom tara mhux biss il-għar tal-Bambin, imma xi għoljiet u xi widien mimlijin bis-siġar tal-ward u tal-frott.

Fi Franza l-presepju beda fis-seklu XV, imma dan aktarx kont issibu fil-knejjes biss milli fid-djar tal-familji wkoll. Fil-Mużew ta' Marsilja hemm tliet presepji li huma ta' min isemmihom għax wieħed hu ta' żmien ir-Re Lwiġi XVI, ieħor ta' żmien Lwiġi XV, u l-ieħor ta' żmien ir-Re Lwiġi XVI. Il-personaġġi ta' dawn it-tliet presepji huma kollha maħdumin minn porċillana b'ħafna lwien differenti. U fil-Mużew ta' Orleans hemm ukoll ġabra oħra ta' presepji tal-ħġieġ.

Fl-Ingilterra l-użu tal-presepju ma tantx hu magħruf għarraġunijit li kulħadd jifhem. Il-presepju li hemm fil-"Victoria and Albert Museum" ilu hemm mis-sena 1935 biss u hu xogħol ta' Giulio Caetano Zumbo, Sqalli, għalkemm dana Zumbo miet Napli fis-sena 1701. Minn dan naraw li l-użu tal-presepju ġewwa Sqallija hu antik ħafna u aktarx li l-ewwel wieħed li għamel il-presepju kien Ganni Matera. Matera twieled fis-sena 1653; meta kiber sar pittur, imma kien ukoll diżinjatur speċjali tal-presepju u maż-żmien kien waqqaf ukoll skola ta' diżinjaturi tal-presepji. B'hekk il-presepju kien jinsab, tista' tgħid, f'kull dar ta' Sqallija.

Issa, jekk 250 sena ilu l-presepju kien jinsab f'kull dar ta' Sqallija, mhix ħaġa kbira li xi daqshekk ieħor il-presepju ilu fil-gżejjer tagħna Maltin. Is-safar ta' sikwit tal-Maltin għal Sqallija u ta' l-Isqallin għal Malta, u, l-iktar tal-Patrijiet Franġiskani li kienu ġejjin u sejrin Sqallija, sata' jġib miegħu d-drawwiet ta' l-Isqallin. Mela ma nkunux niżbaljaw jekk ingħidu li d-drawwa tal-preesepju ġewwa Malta hi antika daqs dik ta' Sqallija għalkemm m'għandniex provi biżżejjed. Il-lum nistgħu ngħidu li d-drawwa tal-presepju fid-djar Maltin kibret ħafna, bħalma issa kibret ukoll fl-Olanda, fil-Belġju u f'xi nħawi oħra ta' Franza. F'dawn il-pajjiżi li seemmejt hemm għaqdiet ta' nsara apposta għat-tixrid tal-"Grotta ta' Betlehem" fil-familji u l-iktar fi żmien il-Milied.

Hawn Malta, ftit taż-żmien ilu, kellna l-Azzjoni Kattolika li kienet tħabrek biex il-presepju jiżdied fid-djar tagħna L-Azzjoni Kattolika kienet għamlet saħansitra xi premijiet għall-aħjar presepji artistiċi tal-pajiż; kienet ħatret ukoll xi kommissjonijiet bħala ġurija ta' dawn il-presepji, imma, b'sogħba ta' qalb, jeħtiġli ngħid li sew il-premijiet, kemm ukoll il-kummissjo-

jiet spiċċaw għal kollox. Kienet tkun ħaġa sabiħa u xierqa li kieku xi ħadd jarġa' jqajjem din id-devozzjoni, biex insejħulha hekk, lejn il-presepju l-iktar fi żminijietna meta l-"Christmas Tree" hi dieħla ġmielha fil-familji tagħna. Għaliex din id-devozzjoni ma jqajmuhiex il-Patrijiet Franġiskani nfushom, jew, għall-inqas, it-Terzarji Franġiskani? Din mhix ħaġa li tmiss lilhom iktar fil-qrib minn ħaddieħor? U, meta tinħatar xi kommissjoni biex tagħżel l-aħjar presepji, hi ħaġa minn ewl iddinja li f'din il-kommissjoni għandu jkun hemm il-Patri Franġiskan, għax ħadd daqsu ma jista' jidħol fl-ispirtu reliġjuż talpresepju, spirtu li għandu jkun il-għan ewlieni ta' kull presepju, spirtu li l-Franġiskani biss setgħu jirtu minn għand Missierhom. Jekk fil-kommissjoni jkun jonqos il-Patri Franġiskan, żbalji biss jistgħu jsiru fil-għażla ta' l-aħjar presepju.

Ħalli ngħidilkom x'ġara, żmien ilu, f'post li ma jixraqx li nsemmu. Darba, waħda l-Patrijiet Franġiskani ta' ċertu kunvent għamlu presepju għall-wiri ta' kulħadd u tawh dik il-għamla *moderna* jiġifieri dik li biha u fiha narawh il-lum. Issa quddiem dan il-presepju *modern*, sewwasew fir-rokna l-oħra tal-kamra tal-presepju, għamlu kaxxa ċkejkna ta' l-injam bi ftit tiben fiha Bambin ċkejken fuqu, u quddiemha, jiġifieri quddiem din il-kaxxa poġġew Patri tal-ġibs, b'leħja twila, għarrubbtejh u b'idejh marbuta quddiem sidru, jagħti qima lil dak il-Bambin ċkejken. Wieħed mill-eżaminaturi tal-kummissjoni, kif ra din ix-xena tal-Patri f'dik ir-rokna, faqqa' daħqa beħlanija u staqsa lil sħabu x'riedu jgħidu bih il-Patrijiet b'dak il-lajk kabuċċin tal-leħja li kien hemm quddiem il-maxtura ta' l-injam. Ħadd minnhom ma wieġeb għal dik il-mistoqsija għax ħadd minnhom ma kien jaf li dak il-Patri tal-leħja twila ma kienx ajk kabuċċin, imma San Franġisk innifsu u li l-Patrijiet kienu qegħduh hemm biex juru lil kull min jidħol f'dik il-kamra li San Franġisk kien l-ewwel wieħed li għamel il-presepju u f'ħin wieħed juru wkoll il-bidla kbira li saret fil-għamla tal-presepju malmixja ta' 700 sena. Hi ħaġa li m'hemmx għalfejn ingħiduha illi, kieku dak il-presepju kien jistħoqqlu jieħu l-ewwel premju, ibqa' żgur li, minħabba x-xena storika li l-eżaminaturi ma waslux jifhmuha, dak il-presepju kien jibqa' minn ta' l-aħħar, u kien jitlef il-premju. U ħtija ta' min?